FRA EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

# L-UGWALJANZA FL-UE 20 SENA WARA L-IMPLIMENTAZZJONI INIZJALI TAD-DIRETTIVI DWAR L-UGWALJANZA –

OPINJONI 1/2021 TAL-FRA – SOMMARJU

**L-Opinjoni 1/21 tal-FRA turi l-firxa u n-natura ta' esperjenzi ta' inugwaljanza u diskriminazzjoni mġarrba madwar l-UE. Hija tagħmel dan b'referenza għar-raġunijiet għad-diskriminazzjoni u l-oqsma tal-ħajja koperti mid-direttivi dwar l-ugwaljanza razzjali u fl-impjieg, kif ukoll mid-Direttiva proposta dwar it-Trattament Ugwali. Inħarġet fit-30 ta' April 2021. Dan is-sommarju jippreżenta r-rakkomandazzjonijiet ewlenin ("Sejbiet ewlenin u opinjonijiet") deskritti fl-Opinjoni 1/21 tal-FRA.**

**6** It-twettiq tal-prinċipju ta' trattament ugwali f'konformità mad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg

**11** Il-kunsiderazzjoni ta' protezzjoni irregolari kontra d-diskriminazzjoni fid-dispożizzjonijiet legali tal-UE

**14** Ir-rikonoxximent ta' mezzi ġodda potenzjali ta' diskriminazzjoni

**15** In-nuqqas ta' rappurtar ta' diskriminazzjoni u n-nuqqas ta' għarfien dwar id-drittijiet

**20** Żviluppi fir-rwol tal-korpi tal-ugwaljanza

**23** Il-promozzjoni tal-ġbir u l-użu ta' *data* dwar l-ugwaljanza, inkluża l-applikazzjoni korretta tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*

**26** Il-ġbir tad-*data* dwar l-ugwaljanza skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2022

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm jissemma s-sors oriġinali.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta’ ritratti jew ta’ materjal ieħor li ma jkunx taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, irid jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u lanqas xi persuna li taġixxi f’isem l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali mhuma responsabbli mill-użu li jista’ jsir mill-informazzjoni li ġejja.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022

| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-9461-559-6 | doi:10.2811/10217 | TK-03-21-509-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-9461-558-9 | doi:10.2811/22765 | TK-03-21-509-MT-N |

# Abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| **EDPB** | Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* |
| **EDPS** | Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* |
| **Equinet** | In-Network Ewropew għall-Korpi tal-Ugwaljanza |
| **EU-27** | 27 Stat Membru tal-UE |
| **FRA** | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali |
| **GDPR** | Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* |
| **IA** | Intelliġenza artifiċjali |
| **Karta** | Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea |
| **LGBTIQ** | Leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru, intersesswali u queer |
| **TFUE** | Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| **UE-MIDIS** | Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni |

# L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI,

Filwaqt li tqis it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Filwaqt li tfakkar fl-obbligi stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta),

Skont ir-Regolament tal-Kunsill 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, b'mod partikolari l-Artikolu 2 bl-għan tal-aġenzija "li tipprovdi lill-istituzzjonijiet, lill-korpi, lill-uffiċċji u lill-aġenziji rilevanti tal-Komunità u ta' l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-liġi Komunitarja b'assistenza u b'kompetenza relatati mad-drittijiet fundamentali biex tagħtihom appoġġ meta jieħdu miżuri jew jifformulaw pjanijiet ta' azzjoni fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom sabiex ikunu rrispettati bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali",

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament tal-Kunsill 168/2007, bil-kompitu tal-aġenzija li "tifformula u tippubblika konklużjonijiet u opinjonijiet dwar suġġetti tematiċi, għall-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni u l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt Komunitarju, fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq it-talba tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni",

Wara li kkunsidrat ir-rapporti tal-Kummissjoni Ewropea tal-2014 u l-2021 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità ("Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali") u tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ("Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg"),

Filwaqt li tikkunsidra li skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, ir-rapport tal-Kummissjoni "għandu jqis, kif meħties [meħtieġ], il-veduti taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tar-Razziżmu u x-Xenofobja" kif sostitwit mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali,

Fuq bażi tal-evidenza miġbura u analizzati mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, inkluż fl-istħarriġ tagħha fuq skala kbira, kif ukoll fir-rapporti tematiċi u annwali tagħha,

B'segwitu għall-kontribut dettaljat preċedenti pprovdut lill-Kummissjoni Ewropea f'dan il-kuntest,

TISSOTTOMETTI L-OPINJONI LI ĠEJJA:

# SEJBIET U OPINJONIJIET EWLENIN

L-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2000/43/KE (id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali) u l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2000/78/KE (id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg) jagħtu mandat lill-Kummissjoni Ewropea biex kull ħames snin tfassal rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dawn id-direttivi. L-Artikolu 17(2) tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali jistipula li r-rapport tal-Kummissjoni għandu jqis, kif xieraq, il-fehmiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tar-Razziżmu u x-Xenofobja, issa l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA).

L-opinjonijiet ippreżentati hawnhekk jikkumplementaw, isaħħu u, xi drabi, itennu opinjonijiet preċedenti li l-FRA fformulat fil-ħidma estensiva tagħha sa issa dwar l-ugwaljanza, in-nondiskriminazzjoni u r-razziżmu[1]. L-opinjonijiet jikkonċernaw l-istat tal-ugwaljanza fl-UE — għal raġunijiet differenti u f'oqsma differenti tal-ħajja — sa tmiem l-2020.

*Data* oġġettiva, affidabbli u komparabbli li tiddokumenta esperjenzi ta' inugwaljanza u diskriminazzjoni hija għodda essenzjali għat-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza. L-Opinjoni 1/2021 tal-FRA tibbaża fuq *data* ġġenerata permezz tal-istħarriġ tal-FRA u evidenza oħra miġbura mill-aġenzija permezz tan-network ta' riċerka multidixxiplinari tagħha, Franet, u f'kooperazzjoni man-Network Ewropew tal-Korpi tal-Ugwaljanza (Equinet).

L-Opinjoni 1/2021 tal-FRA turi l-firxa u n-natura tal-esperjenzi ta' inugwaljanza u diskriminazzjoni mġarrba madwar l-UE. Hija tagħmel dan b'referenza għar-raġunijiet għad-diskriminazzjoni u l-oqsma tal-ħajja koperti mid-direttivi dwar l-ugwaljanza razzjali u fl-impjieg, kif ukoll fir-rigward tar-raġunijiet u l-oqsma koperti mid-Direttiva proposta dwar it-Trattament Ugwali[2].

Is-sorsi ewlenin tad-*data* msemmija fl-Opinjoni 1/2021 tal-FRA jinkludu ħames stħarriġiet tal-FRA li jkopru firxa ta' raġunijiet protetti fid-dritt tal-Unjoni u oqsma tal-ħajja li fihom tista' sseħħ diskriminazzjoni. L-FRA tiġbor id-*data* tal-istħarriġ direttament mingħand dawk li huma affettwati mid-diskriminazzjoni, u din id-*data* toffri għarfien uniku dwar in-nuqqas ta' *data* ekwivalenti f'ħafna Stati Membri tal-UE. Speċifikament, l-Opinjoni 1/2021 tal-FRA tibbaża fuq *data* u evidenza mis-sorsi li ġejjin (ara l-anness għal aktar informazzjoni dwar l-istħarriġ tal-FRA):

- ★ **UE-MIDIS II: It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni** (2016)
- ★ ***UE-MIDIS II: Li Tkun Iswed fl-UE*** (2018)
- ★ ***UE-MIDIS II: Il-Musulmani — Sejbiet magħżula*** (2017)
- ★ ***UE-MIDIS II: Ir-Rom — Sejbiet magħżula*** (2016)
- ★ **It-tieni stħarriġ dwar id-diskriminazzjoni u reati ta' mibegħda kontra l-Lhud fl-UE** (2018)
- ★ **Stħarriġ II tal-UE dwar l-LGBTI** (2019)
- ★ **Stħarriġ dwar ir-Rom u l-Vjaġġaturi** (2019)
- ★ **Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali** (2019)
- ★ ġbir ta' *data ad hoc* dwar esperjenzi ta' diskriminazzjoni fil-qasam tal-impjieg u x-xogħol fuq bażi ta' diżabilità u età
- ★ ġbir ta' *data ad hoc* dwar l-istatus u l-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza, f'kooperazzjoni mal-Equinet.

L-Opinjoni 1/2021 tal-FRA tippreżenta evidenza ta' esperjenzi ta' diskriminazzjoni għar-raġunijiet u fl-oqsma tal-ħajja koperti mid-direttivi dwar l-ugwaljanza razzjali u fl-impjieg. Tippreżenta wkoll evidenza ta' esperjenzi ta' diskriminazzjoni li jmorru lil hinn mir-raġunijiet u l-oqsma tal-ħajja koperti minn dawn iż-żewġ direttivi. Din l-informazzjoni hija rilevanti għan-negozjati fit-tul dwar il-proposta tal-2008 għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni

1 FRA (2021), "**L-ugwaljanza, in-nondiskriminazzjoni, u r-razziżmu**".

2 Il-Kummissjoni Ewropea (2008), ***Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali***, KUMM(2008) 426 finali, Brussell, is-2 ta' Lulju 2008.

tal-prinċipju ta’ trattament ugwali bejn il-persuni, irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali[3].

It-Taqsima 4 tal-Opinjoni 1/2021 tal-FRA teżamina l-iżviluppi fir-rwol tal-korpi tal-ugwaljanza fl-Istati Membri. Dan l-eżami jwieġeb għar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-2018 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza[4], u għall-proposta potenzjali għal leġiżlazzjoni biex jissaħħu l-korpi tal-ugwaljanza li tħabbret għall-2022 fil-pjan ta’ azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu 2020–2025[5].

F’dan ir-rigward, l-Opinjoni 1/2021 tal-FRA tikkumplementa r-rapport tal-2021 tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg[6], u d-Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal dwar il-korpi tal-ugwaljanza u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istandards għall-korpi tal-ugwaljanza tagħha li jakkumpanjaha[7].

Ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea janalizza d-diffikultajiet li l-Istati Membri għandhom fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet taż-żewġ direttivi u jinkludi kjarifiki mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f’dan ir-rigward. Fil-qosor, id-dokument ta’ ħidma tal-persunal iqabbel is-sitwazzjoni tal-korpi tal-ugwaljanza mal-miżuri proposti fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-istandards għall-korpi tal-ugwaljanza.

L-Opinjoni 1/2021 tal-FRA ma tanalizzax il-ġurisprudenza dwar id-diskriminazzjoni, biex tiġi evitata d-duplikazzjoni mar-rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni tad-direttivi. L-FRA tkopri żviluppi magħżula fil-ġurisprudenza fir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali annwali tagħha[8], u perjodikament taġġorna l-informazzjoni dwar il-każijiet u d-deċiżjonijiet fil-bażi tad-*data* tagħha dwar il-mibegħda kontra l-Musulmani[9]. Ir-Reviżjoni tal-Liġi Ewropea dwar l-Ugwaljanza tipprovdi aġġornamenti regolari dwar l-iżviluppi legali u ta’ politika fil-qasam tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni[10].

Fl-aħħar nett, l-Opinjoni 1/2021 tal-FRA tqis kif id-*data* dwar l-ugwaljanza tista’ tintuża bħala għodda għall-monitoraġġ tar-realizzazzjoni tal-prinċipju ta’ trattament ugwali fl-UE u l-Istati Membri tagħha.

3 Il-Kummissjoni Ewropea (2008), ***Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta’ trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali***, KUMM(2008) 426 finali, Brussell, is-2 ta’ Lulju 2008.

4 Il-Kummissjoni Ewropea (2018), ***Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/951 tat-22 ta’ Ġunju 2018 dwar standards għall-korpi għall-ugwaljanza***, ĠU 2018 L 167.

5 Il-Kummissjoni Ewropea (2020), ***Unjoni ta’ ugwaljanza — Pjan ta’ azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu 2020–2025***, COM(2020) 565 final, Brussell, it-18 ta’ Settembru 2020.

6 Il-Kummissjoni Ewropea (2021), ***Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/43/KE li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (“id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali”) u tad-Direttiva 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (“id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg”)***, COM(2021) 139 final, Brussell, id-19 ta’ Marzu 2021.

7 Il-Kummissjoni Ewropea (2021), ***Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: Korpi tal-ugwaljanza u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza***, *SWD(2021) 63 final, Brussell, id-19 ta’ Marzu 2021.*

8 FRA (2020), ***Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2020***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet). Ara wkoll FRA (2020), ***Rapport tal-2020 dwar id-Drittijiet Fundamentali — Riċerka tal-pajjiżi***.

9 FRA (2021), “**Bażi ta’ data 2012–2019 dwar il-mibegħda kontra l-Musulmani — Każijiet u sentenzi**”.

10 Network Ewropew tal-Liġi dwar l-Ugwaljanza (2021), “**Reviżjonijiet tal-liġi**”.

## Aspetti komuni u differenzi bejn id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE) u d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg (2000/78/KE)

**Aspetti komuni**

— Iż-żewġ direttivi jdaħħlu fis-seħħ il-prinċipju ta' trattament ugwali.
— Dawn jistabbilixxu oqfsa għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.
— Il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni tinkludi d-diskriminazzjoni diretta, id-diskriminazzjoni indiretta, il-fastidju u l-istruzzjonijiet għad-diskriminazzjoni.
— Dawn jipprojbixxu d-diskriminazzjoni fl-impjieg u fix-xogħol.
— Id-differenzi fit-trattament ibbażati fuq rekwiżiti ġenwini u determinanti tax-xogħol huma ġġustifikati.
— Fihom dispożizzjonijiet ekwivalenti rigward azzjoni pożittiva, id-difiża tad-drittijiet, il-piż tal-provi, il-vittimizzazzjoni, it-tixrid tal-informazzjoni, id-djalogu soċjali, id-djalogu ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u s-sanzjonijiet.

**Differenzi**

— Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' oriġini tar-razza jew l-etniċità.
— Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.
— Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fir-rigward tal-protezzjoni soċjali, inklużi s-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; il-vantaġġi soċjali; l-edukazzjoni; u l-aċċess għal u l-provvista ta' prodotti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluża l-akkomodazzjoni.
— Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg tkopri biss il-qasam tal-impjieg u x-xogħol.
— Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali tobbliga lill-Istati Membri jaħtru korpi għall-promozzjoni tat-trattament ugwali. Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg ma fihiex obbligu bħal dan.
— Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg tipprevedi akkomodazzjoni raġonevoli għall-persuni b'diżabilità.

## IT-TWETTIQ TAL-PRINĊIPJU TA' TRATTAMENT UGWALI F'KONFORMITÀ MAD-DIRETTIVA DWAR L-UGWALJANZA RAZZJALI U D-DIRETTIVA DWAR L-UGWALJANZA FL-IMPJIEG

Id-*data* u l-evidenza miġbura mill-FRA juru b'mod konsistenti li n-nies madwar l-UE regolarment jesperjenzaw diskriminazzjoni għar-raġunijiet u fl-oqsma tal-ħajja elenkati fid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u fid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg. Dan huwa l-każ minkejja li d-direttivi ilhom fis-seħħ mill-2000.

Dan iqajjem dubji dwar l-effettività tal-miżuri u l-arranġamenti istituzzjonali li l-Istati Membri stabbilew biex jinfurzaw il-leġiżlazzjoni dwar in-nondiskriminazzjoni, inklużi r-regoli li stabbilew fir-rigward tal-effettività, il-proporzjonalità u d-dissważività tas-sanzjonijiet f'każijiet ta' diskriminazzjoni (l-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali; l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg). Aktar nuqqasijiet fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni identifikati mill-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja huma relatati mas-sanzjonijiet applikati madwar l-Istati Membri, li attwalment "ma jiggarantixxux rimedju effettiv u lanqas ma jaġixxu bħala deterrent effettiv"[11].

Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali tipprojbixxi d-diskriminazzjoni diretta u indiretta fuq bażi ta' oriġini tar-razza jew l-etniċità. L-Artikolu 3 dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva jispeċifika li din tapplika għall-impjieg u x-xogħol, it-taħriġ vokazzjonali, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sħubija f'organizzazzjonijiet tal-ħaddiema jew ta' min iħaddem; il-protezzjoni soċjali, inklużi s-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; il-vantaġġi soċjali; l-edukazzjoni; u l-aċċess għal u l-provvista ta' oġġetti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluża l-akkomodazzjoni.

Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg tipprojbixxi d-diskriminazzjoni diretta u indiretta fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali. L-Artikolu 3 dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva jispeċifika li din tapplika għall-oqsma tal-impjieg u x-xogħol, it-taħriġ vokazzjonali, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sħubija f'organizzazzjonijiet tal-ħaddiema jew ta' min iħaddem.

**Fir-rigward tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali**, id-*data* tal-istħarriġ tal-FRA turi dan li ġej.

- Il-prevalenza tad-diskriminazzjoni fuq bażi ta' oriġini tar-razza jew l-etniċità tibqa' konsistentement għolja, kemm matul iż-żmien kif ukoll fost gruppi differenti tal-popolazzjoni fi Stati Membri differenti. Pereżempju, id-*data* tal-UE-MIDIS II turi li kważi wieħed minn kull erba' rispondenti (24 %) ħassewhom diskriminati fit-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ f'qasam wieħed jew aktar tal-ħajja ta' kuljum fl-2016 minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrazzjoni tagħhom. Id-*data* mill-UE-MIDIS I fl-2007 turi li kważi wieħed minn kull tliet rispondenti (30 %) iddikjaraw li ħassewhom diskriminati minħabba l-etniċità tagħhom (fir-rigward ta' qasam wieħed jew aktar tal-ħajja) matul it-12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ[12]. It-titjib fil-metodoloġija tat-teħid tal-kampjuni u l-applikazzjoni tal-piżijiet tat-tfassil tal-kampjuni għall-analiżi tad-*data* UE-MIDIS II jirrestrinġu, sa ċertu punt, il-komparabilità diretta bejn iż-żewġ stħarriġiet. Madankollu, is-sejbiet jindikaw ftit progress matul iż-żmien, minħabba li r-rati għadhom għoljin.
- Id-*data* tal-istħarriġ tal-FRA turi li persuni bi sfond ta' minoranza etnika jew ta' immigrazzjoni (inklużi r-Rom u l-Vjaġġaturi, il-Musulmani, il-Lhud u l-persuni ta' dixxendenza Afrikana) regolarment jesperjenzaw livelli għoljin ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini etnika jew razzjali tagħhom (kif ukoll ir-reliġjon jew it-twemmin tagħhom) f'oqsma differenti tal-ħajja. Pereżempju, fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ rispettiv, 41 % tar-Rom, 45 % tal-persuni bi sfond tal-Afrika ta' Fuq, 39 % tal-Afrikani

11 Equinet (2020), ***Il-futur tal-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza fl-Ewropa — Rapport ta' sinteżi tar-roundtable online***, Brussell, Segretarjat tal-Equinet.

12 FRA (2017), ***UE-MIDIS II –It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni — Riżultati ewlenin***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 13; FRA (2010), ***Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni — Rapport tar-riżultati ewlenin***, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 36.

sub-Saħarjani[13], 60 % tar-Rom u tal-Vjaġġaturi[14] u 25 % tal-Lhud[15] ħassewhom diskriminati minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrazzjoni tagħhom.

- In-nies jiddeskrivu d-diskriminazzjoni bħala esperjenza rikorrenti: għalkemm xi nies jesperjenzaw diskriminazzjoni ta' kuljum, in-numru medju ta' esperjenzi ta' diskriminazzjoni huwa ta' 4.6 inċidenti fis-sena[16].
- Il-prevalenza tad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini tar-razza jew l-etniċità tvarja ħafna mhux biss fost l-Istati Membri iżda wkoll bejn il-gruppi differenti mistħarrġa f'pajjiż wieħed. Pereżempju, ir-Rom u l-Vjaġġaturi, in-nies ta' dixxendenza Afrikana, u l-immigranti u d-dixxendenti tal-immigranti mill-Afrika ta' Fuq jesperjenzaw livelli ogħla ta' diskriminazzjoni minn gruppi oħra mistħarrġa fl-istess pajjiż[17].
- Sinjali viżibbli ta' differenza — bħall-kulur tal-ġilda, id-dehra fiżika, jew ilbies tradizzjonali jew reliġjuż (eż. imkatar tar-ras) fi spazji pubbliċi — jiskattaw livelli għoljin ta' trattament mhux ugwali għal persuni ta' dixxendenza Afrikana, nisa Rom u Musulmani madwar l-UE[18].
- Għalkemm ir-rispondenti Rom u n-nies ta' dixxendenza Afrikana fil-biċċa l-kbira nnutaw li qed jiltaqgħu ma' diskriminazzjoni bbażata fuq id-dehra fiżika tagħhom, l-immigranti u d-dixxendenti ta' immigranti mill-Afrika ta' Fuq u mit-Turkija indikaw prinċipalment li jesperjenzaw diskriminazzjoni bbażata fuq isimhom jew kunjomhom[19]. Isem ta' rispondent kien ir-raġuni ewlenija għad-diskriminazzjoni fl-aċċess għall-akkomodazzjoni u t-tieni fl-importanza fl-oqsma l-oħra kollha tal-ħajja koperti mill-istħarriġ.
- L-esperjenzi ta' diskriminazzjoni jvarjaw bejn gruppi ta' età u ġenerazzjonijiet, b'dixxendenti ta' immigranti bi sfond tal-Afrika ta' Fuq, pereżempju, li jindikaw li jesperjenzaw rati ogħla ta' diskriminazzjoni etnika u reliġjuża minn immigranti tal-ewwel ġenerazzjoni[20]. Din is-sejba tista' tirrifletti wkoll għadd ta' fatturi, inkluż għarfien akbar dwar l-ugwaljanza u d-drittijiet fost il-ġenerazzjonijiet ta' wara, u/jew l-impatt ta' status legali differenti — u drittijiet li jirriżultaw — li jgawdu minnhom id-dixxendenti tal-immigranti, u, min-naħa l-oħra, aspettattiva aktar baxxa ta' trattament ugwali fost l-immigranti tal-ewwel ġenerazzjoni. Madankollu, dawn is-sejbiet jistħoqqilhom aktar esplorazzjoni.
- Bħala medja, ma hemm l-ebda differenza sostanzjali bejn l-esperjenzi tan-nisa u tal-irġiel ta' diskriminazzjoni bbażata fuq sfond etniku jew ta' immigrazzjoni. Madankollu, hemm differenzi sostanzjali bejn il-ġeneri fi ħdan gruppi fil-mira f'xi Stati Membri u bejniethom[21].
- Ħafna minn dawk li wieġbu jesperjenzaw diskriminazzjoni razzjali fuq il-post tax-xogħol jew meta jkunu qed ifittxu xogħol, b'mod partikolari r-Rom u r-rispondenti bi sfond tal-Afrika ta' Fuq. L-Afrikani tat-Tramuntana u sub-Saħarjani spiss jesperjenzaw diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol[22].

---

13 FRA (2017), *UE-MIDIS II* — ***It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni — Riżultati ewlenin***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

14 FRA (2020), ***Ir-Rom u l-Vjaġġaturi f'sitt pajjiżi — stħarriġ dwar ir-Rom u l-Vjaġġaturi***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet; FRA (2017), *UE-MIDIS II* — ***It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni — Riżultati ewlenin***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

15 FRA (2018), ***L-Esperjenzi u l-perċezzjonijiet tal-antisemitiżmu — It-tieni stħarriġ dwar id-diskriminazzjoni u r-reati ta' mibegħda kontra l-Lhud fl-UE***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 60. It-tieni stħarriġ dwar l-antisemitiżmu jipprovdi biss ir-rata ta' diskriminazzjoni ta' 12-il xahar.

16 FRA (2017), ***It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni — Riżultati ewlenin***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 14.

17 *Ibid.*, pp. 29–32.

18 *Ibid.*, p. 32.

19 *Ibid.*, p. 36.

20 FRA (2017), ***It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni — Riżultati ewlenin***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 30. FRA (2017), ***It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni: Il-Musulmani — Sejbiet magħżula***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 24.

21 FRA (2017), ***It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni — Riżultati ewlenin***, Il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

22 *Ibid.*, p. 34 u p. 38.

- Oqsma oħra tal-ħajja b'rati partikolarment għoljin ta' diskriminazzjoni esperjenzata huma l-aċċess għall-akkomodazzjoni u l-aċċess għal servizzi pubbliċi jew privati oħra, bħall-amministrazzjoni pubblika, it-trasport pubbliku, il-ħwienet, ir-ristoranti jew il-bars[23].

**Fir-rigward tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg,** id-*data* tal-istħarriġ tal-FRA u d-*data ad hoc* tal-FRA miġbura dwar l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni fl-impjieg u fix-xogħol fuq bażi ta' diżabilità u età għall-finijiet tal-Opinjoni 1/2021 tal-FRA juru dan li ġej.

- Ftit li xejn sar progress fil-prattika minn meta l-Kummissjoni Ewropea ppubblikat ir-rapport tagħha dwar l-applikazzjoni tad-direttiva fl-2014[24]: il-prevalenza ta' diskriminazzjoni fl-impjieg fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE baqgħet għolja.
- Is-sehem ta' persuni fl-2019 li identifikaw bħala leżbjani, gay, bisesswali u transġeneri (LGBT) li ħassew li ġew diskriminati meta kienu qed ifittxu xogħol (11 %) huwa bejn wieħed u ieħor l-istess bħas-sehem fl-2012 (13 %). L-istess jgħodd għall-proporzjon ta' persuni LGBT li ħassew li ġew diskriminati fuq il-post tax-xogħol (21 % fl-2019 meta mqabbla ma' 19 % fl-2012)[25]. Persuni li jidentifikaw bħala transġeneri huma inklużi f'dawn iċ-ċifri għal skopijiet ta' tqabbil bejn iż-żewġ stħarriġiet.
- Persuni bi sfond ta' minoranza etnika, reliġjuż jew ta' immigrazzjoni regolarment jesperjenzaw diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin fl-impjieg, u fi grad ogħla mill-popolazzjoni ġenerali.
- Il-prevalenza tad-diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin fl-impjieg hija relattivament għolja għal persuni bi sfond ta' minoranza etnika jew ta' immigrazzjoni (rata ta' ħames snin: 12 %), u membri ta' minoranzi reliġjużi bħall-Musulmani (rata ta' ħames snin: 17 %) u Lhud (rata ta' 12-il xahar: 16 %)[26].
- 1 % biss ta' dawk li wieġbu mill-popolazzjoni ġenerali ħassew li ġew diskriminati fl-impjieg minħabba r-reliġjon jew it-twemmin tagħhom fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ, kif turi d-*data* mill-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali. Madankollu, 15 % ta' dawk li wieġbu fl-istess stħarriġ li identifikaw lilhom infushom bħala Musulmani qalu li ħassewhom iddiskriminati fl-impjieg minħabba r-reliġjon jew it-twemmin tagħhom fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ.
- In-nisa Musulmani jsemmu "l-mod kif jilbsu" (l-ilbies ta' maktur tar-ras/turban) bħala r-raġuni ewlenija għaliex jesperjenzaw diskriminazzjoni fl-impjieg[27].
- Fir-rigward tad-diżabilità, id-*data* mill-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali turi li d-diskriminazzjoni fl-impjieg tiżdied bil-grad ta' limitazzjoni fl-attivitajiet ta' kuljum. Persuni b'limitazzjonijiet severi huma aktar probabbli li jesperjenzaw diskriminazzjoni minn dawk mingħajr limitazzjonijiet severi u dawk mingħajr ebda limitazzjoni fl-attivitajiet ta' kuljum. Innota li l-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali indirizza kwistjonijiet relatati mad-diskriminazzjoni fuq bażi ta' diżabilità permezz tal-mistoqsijiet tal-Modulu Minimu tas-Saħħa Ewropea, żviluppat mill-Eurostat biex tinġabar *data* dwar is-saħħa perċepita mill-persuna nnifisha. Il-modulu jinkludi l-mistoqsija li ġejja: "Għal mill-inqas l-aħħar sitt xhur, kemm kont limitat minħabba problema tas-saħħa f'attivitajiet li

23 FRA (2020), ***Ir-Rom u l-Vjaġġaturi f'sitt pajjiżi — Stħarriġ dwar ir-Rom u l-Vjaġġaturi***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet; FRA (2017), ***It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni — Riżultati ewlenin***, Il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

24 Il-Kummissjoni Ewropea (2014), *Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Rapport konġunt dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità ("id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali") u tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ("Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg")*, COM(2014) 2 final, Brussell, is-17 ta' Jannar 2014.

25 FRA (2020), ***UE-LGBTI II — Triq twila lejn l-ugwaljanza tal-LGBTI***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 10.

26 FRA (2017), ***It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni — Riżultati ewlenin***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet; FRA (2018), ***L-esperjenzi u l-perċezzjonijiet tal-antisemitiżmu — It-tieni stħarriġ dwar id-diskriminazzjoni u r-reati ta' mibegħda kontra l-Lhud fl-UE***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

27 FRA (2017), ***It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni: Il-Musulmani — Sejbiet magħżula***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 24.

normalment jagħmlu n-nies? Taħseb li inti ... [Kategoriji ta' tweġibiet: "Limitat ħafna"; "Limitat iżda mhux ħafna"; "Mhux limitat"; "Nippreferi ma nirrispondix"; "Ma nafx"]". Skont il-Eurostat, din il-mistoqsija tista' tintuża bħala miżura ta' limitazzjonijiet li ilhom jeżistu relatati ma' problemi ta' saħħa fiżika jew mentali, mard jew diżabilità[28].

- Il-persuni b'diżabilità jesperjenzaw diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol b'mod regolari, u jesperjenzawha aktar meta jfittxu x-xogħol, kif turi d-*data* miġbura għall-finijiet tal-Opinjoni 1/2021 tal-FRA. L-FRA ġabret din id-*data* permezz ta' Franet. Tali *data* kienet disponibbli biss f'għadd limitat ta' Stati Membri tal-UE[29].
- In-nisa b'diżabilità huma aktar probabbli mill-irġiel b'diżabilità li jesperjenzaw diskriminazzjoni fuq bażi ta' diżabilità fl-impjieg.
- Is-sejbiet mill-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali juru rati relattivament għoljin ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età fl-impjieg għall-popolazzjoni ġenerali (rata ta' ħames snin: 15 %), b'differenzi sostanzjali bejn il-pajjiżi.
- Id-*data* mill-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali turi li d-doppju tal-ammont ta' nies jgħidu li jesperjenzaw diskriminazzjoni fl-impjieg minħabba li huma "kbar wisq" minn dawk li huma "żgħar wisq" (10 % kontra 6 %).
- Hemm prevalenza għolja ta' esperjenzi ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età fl-impjieg għal persuni akbar, kif turi d-*data* miġbura għall-finijiet tal-Opinjoni 1/2021 tal-FRA.
  - ★ Il-prevalenza għandha t-tendenza li tiżdied mal-età tar-rispondent u hija partikolarment għolja għal dawk li għandhom 50 sena u aktar. Din id-*data* kienet disponibbli biss f'għadd limitat ta' Stati Membri tal-UE[30].
  - ★ Il-prevalenza ta' esperjenzi ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età hija ogħla meta wieħed ikun qed ifittex xogħol milli fuq il-post tax-xogħol.
  - ★ In-nisa għandhom it-tendenza li jesperjenzaw diskriminazzjoni bbażata fuq l-età fl-impjieg aktar spiss mill-irġiel.
- Id-*data* mill-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali turi wkoll li l-prevalenza ta' ħames snin ta' diskriminazzjoni fl-impjieg fuq kwalunkwe bażi hija kważi d-doppju għal dawk li jidentifikaw lilhom infushom bħala leżbjani, gay u bisesswali (LGB) jew "oħrajn" (41 %) milli għal dawk li jidentifikaw lilhom infushom bħala eterosesswali (22 %)[31].
- Il-persuni LGB jesperjenzaw rati ogħla ta' diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol milli meta jkunu qed ifittxu xogħol, mingħajr differenzi sostanzjali bejn il-leżbjani, l-irġiel gay u l-persuni bisesswali[32].
- Id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età fl-impjieg għall-persuni LGB tiżdied mal-età u hija partikolarment għolja għal dawk li għandhom 55 sena u aktar[33].

28 Ara Eurostat (2013), ***Stħarriġ Ewropew b'Intervista dwar is-Saħħa (EHIS mewġa 2) — Manwal metodoloġiku***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, pp. 16–17.
29 Għal referenzi dettaljati, ara t-Taqsima 1.2.2. tal-Opinjoni 1/2021 tal-FRA.
30 Għal referenzi dettaljati, ara t-Taqsima 1.2.3 tal-Opinjoni 1/2021 tal-FRA.
31 FRA (2020), ***Xi jfissru d-drittijiet fundamentali għan-nies fl-UE? Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali***), il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.
32 FRA (2020) , ***UE-LGBTI II — Triq twila lejn l-ugwaljanza tal-LGBTI***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 31.
33 FRA (2020) ***UE-LGBTI II — Triq twila lejn l-ugwaljanza tal-LGBTI***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet; FRA (2020), ***Xi jfissru d-drittijiet fundamentali għan-nies fl-UE? Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

## L-OPINJONI 1 TAL-FRA

F'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u l-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg — dwar dak li ż-żewġ direttivi jirreferu għalih bħala azzjoni pożittiva — l-Istati Membri tal-UE jistgħu jintroduċu miżuri "biex jipprevjenu jew jikkumpensaw għall-iżvantaġġi marbuta" mar-raġunijiet ta' diskriminazzjoni u l-oqsma tal-ħajja elenkati f'dawn id-direttivi, kif ippruvat mir-riċerka tal-FRA u s-sorsi tad-*data* nazzjonali.

L-Istati Membri tal-UE jistgħu jidentifikaw tali żvantaġġi u xejriet fid-diskriminazzjoni permezz tal-ġbir u l-analiżi sistematiċi tad-*data* tal-esperjenzi mġarrba u l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi tal-membri tal-gruppi tal-popolazzjoni f'riskju ta' diskriminazzjoni, kif deskritt fl-Opinjoni Nru 6 tal-FRA dwar id-*data* dwar l-ugwaljanza.

F'konformità mal-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg, l-Istati Membri tal-UE għandhom iżidu l-isforzi biex itejbu l-effettività tal-miżuri u l-arranġamenti istituzzjonali li għandhom fis-seħħ biex jinfurzaw il-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, u jiżguraw li "s-sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont" id-direttivi jkunu "effettivi, proporzjonati u dissważivi".

## IL-KUNSIDERAZZJONI TA' PROTEZZJONI IRREGOLARI KONTRA D-DISKRIMINAZZJONI FID-DISPOŻIZZJONIJIET LEGALI TAL-UE

L-Artikolu 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jiddikjara li, "[f]id-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tfittex li tiġġieled kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali".

L-Artikolu 19 tat-TFUE jispeċifika wkoll li "il-Kunsill, li jaġixxi unanimament skond il-proċedura leġislattiva speċjali u bl-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, jista' jieħu l-azzjoni xierqa sabiex jiġġieled id-diskriminazzjoni li tkun ibbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-disabbiltà, l-età jew it-tendenzi sesswali".

L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jipprojbixxi "[k]ull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali". L-Artikolu 21 jipprojbixxi wkoll kwalunkwe diskriminazzjoni fuq bażi ta' nazzjonalità "[f]il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati u mingħajr preġudizzju għal kull dispożizzjoni speċifika tagħhom". Il-Karta torbot lill-istituzzjonijiet tal-UE fl-azzjonijiet kollha tagħhom u lill-Istati Membri meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 51(1), id-dispożizzjonijiet tal-Karta huma indirizzati lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri biss meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni.

Barra minn hekk, l-UE ffirmat u rratifikat il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, li tinkludi n-nondiskriminazzjoni bħala prinċipju tal-konvenzjoni (l-Artikolu 3), bl-Artikolu 5 li jkompli jipprojbixxi d-diskriminazzjoni kollha kontra persuni b'diżabilità.

Minkejja dawn id-dispożizzjonijiet, il-qafas legali tal-UE dwar l-ugwaljanza għadu kkaratterizzat minn lakuni fil-promozzjoni tat-trattament ugwali. Id-dritt sekondarju applikabbli tal-Unjoni — jiġifieri d-direttivi dwar ir-razza, l-impjieg u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri[34] — għandu lakuni fil-protezzjoni tiegħu u jwassal għal ġerarkija artifiċjali ta' raġunijiet, li tillimita l-firxa u l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni fil-livell tal-UE. B'kuntrast mar-raġunijiet ta' sess u l-oriġini tar-razza jew l-etniċità, li huma protetti b'mod estensiv fid-dispożizzjonijiet legali tal-UE, ir-raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali mhumiex protetti bl-istess mod.

Barra minn hekk, il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni hija inkonsistenti fost l-Istati Membri, għalkemm ħafna adottaw leġiżlazzjoni li tmur lil hinn mill-istandards minimi introdotti mid-direttivi dwar ir-razza, l-impjieg u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Billi jkopru raġunijiet u oqsma tal-ħajja addizzjonali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jirrikonoxxu l-ħtieġa li jipproteġu lin-nies mid-diskriminazzjoni lil hinn mill-qafas legali eżistenti tal-UE dwar l-ugwaljanza.

Madankollu, minkejja t-talbiet tal-Parlament Ewropew u l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea, il-proposta tal-Kummissjoni tal-2008 għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali — id-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali — tibqa' mblukkata fil-Kunsill, fejn jeħtieġ li tiġi adottata unanimament. Għalkemm 14-il Stat Membru japprovaw il-proposta bis-sħiħ, għadd mhux speċifikat ta' Stati Membri għadhom jopponuha[35].

34 Id-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE, ĠU 2010 L 180; id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol (tfassil mill-ġdid), ĠU 2006 L 204; id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi, ĠU 2006 L 153M.

35 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2020), ***Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin,***

Id-*data* tal-istħarriġ tal-FRA turi li, pereżempju, ħafna Rom, Vjaġġaturi, Musulmani, Lhud, u immigranti u d-dixxendenti tagħhom ma jistgħux jgħidu b'ċertezza jekk jesperjenzawx diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza u etniċità jew fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin. Id-*data* turi wkoll b'mod konsistenti li ħafna nies madwar l-UE jesperjenzaw diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali, fuq bażi ta' taħlita varjata ta' raġunijiet.

Diskriminazzjoni intersezzjonali tiddeskrivi sitwazzjoni li fiha diversi raġunijiet joperaw u jinteraġixxu ma' xulxin fl-istess ħin b'tali mod li huma inseparabbli u jipproduċu tipi speċifiċi ta' diskriminazzjoni. Il-prattikanti f'dan il-qasam jirrikonoxxu, madankollu, li l-indirizzar tad-diskriminazzjoni mill-perspettiva ta' raġuni unika jonqos milli juri d-diversità ta' kif in-nies jesperjenzaw diskriminazzjoni fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Madankollu, id-diskriminazzjoni intersezzjonali mhijiex protetta taħt id-dritt tal-Unjoni, u ftit Stati Membri biss adottaw dispożizzjonijiet legali li jappartjenu għal diskriminazzjoni multipla jew intersezzjonali.

Hemm ukoll tħassib li fenomeni ta' diskriminazzjoni sistemika jew strutturali jaffettwaw it-trattament ugwali. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom tiddefinixxi d-diskriminazzjoni sistemika jew strutturali "bħala evidenti fl-inugwaljanzi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni, il-politika u l-prattika, mhux b'intenzjoni iżda li jirriżultaw minn firxa ta' fatturi istituzzjonali fit-tfassil, l-implimentazzjoni u r-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni, il-politika u l-prattika"[36].

Id-*data* miġbura mill-FRA tiżvela evidenza ta' diskriminazzjoni strutturali fost l-Istati Membri, kif muri permezz tas-sejbiet dwar ir-Rom u l-persuni ta' dixxendenza Afrikana fl-UE-MIDIS II u l-Istħarriġ dwar ir-Rom u l-Vjaġġaturi. Dawn ir-riżultati jindikaw li l-persuni li jesperjenzaw uħud mill-ogħla rati ta' diskriminazzjoni għandhom it-tendenza li jiffaċċjaw rati għoljin u ogħla mill-medja ta' privazzjoni materjali.

- Proporzjon sostanzjali ta' rispondenti Rom u t-tfal tagħhom (80 %) jgħixu b'introjtu taħt il-limiti ta' riskju ta' faqar tal-pajjiżi rispettivi tagħhom; persuna waħda minn kull erba' persuni Rom (27 %) u tifel/tifla minn kull tlett itfal Rom (30 %) jgħixu f'unità domestika li ffaċċjat il-ġuħ mill-inqas darba fix-xahar qabel l-UE-MIDIS II; persuna waħda minn kull tliet persuni Rom tgħix f'unità domestika mingħajr ilma tal-vit, u persuna waħda minn kull 10 persuni Rom tgħix f'unità domestika mingħajr elettriku. Meta ġew mistoqsija jekk l-introjtu totali tal-unitajiet domestiċi huwiex biżżejjed biex ilaħħqu mal-ħajja, 92 % tar-Rom mistħarrġa jindikaw li huma jiffaċċjaw xi diffikultajiet f'dan ir-rigward, b'45 % jiffaċċjaw "diffikultajiet kbar"[37].
- B'kuntrast qawwi mal-popolazzjoni ġenerali, tifel/tifla minn kull erbat itfal Rom u Vjaġġaturi (23 %) madwar is-sitt pajjiżi koperti mill-Istħarriġ tal-FRA dwar ir-Rom u l-Vjaġġaturi jgħixu f'unità domestika affettwata minn privazzjoni materjali severa. Dan ifisser li l-membri tal-unità domestika ma jistgħux jaffordjaw oġġetti bażiċi, bħal ikel tajjeb għas-saħħa jew tisħin, jew qegħdin b'lura biex iħallsu l-kera u ma jistgħux jaffordjaw ġimgħa vaganza f'sena[38].
- Aktar minn wieħed minn kull żewġ rispondenti (55 %) ta' dixxendenza Afrikana għandhom introjtu tal-unità domestika li huwa taħt il-limitu tar-riskju ta' faqar, wara trasferimenti soċjali fil-pajjiż fejn jgħixu. Ir-rata ta' riskju ta' faqar tagħhom hija għolja għar-rispondenti tat-tieni ġenerazzjoni (48 %) u għal dawk li wieġbu li huma ċittadini (49 %), u hija ogħla minn dik tal-popolazzjoni ġenerali. Wieħed minn kull żewġ rispondenti ta' dixxendenza Afrikana rrappurtaw li jgħixu f'unità domestika ffullata żżejjed (45 %), meta mqabbla ma' 17 % tal-popolazzjoni ġenerali fit-28 Stat Membru tal-UE ta' dak iż-żmien. Wieħed minn kull 10 (12 %) minn dawn ir-rispondenti jesperjenzaw privazzjoni ta' akkomodazzjoni,

***id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali — Informazzjoni mill-Presidenza dwar it-tweġibiet għall-kwestjonarju tagħha***, Brussell, l-4 ta' Novembru 2020.

36 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2021), ***Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom***, Brussell, it-2 ta' Marzu 2021, p. 20.

37 FRA (2016) ***It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni Rom — Sejbiet magħżula***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

38 FRA (2020), ***Ir-Rom u l-Vjaġġaturi f'sitt pajjiżi — Stħarriġ dwar ir-Rom u l-Vjaġġaturi***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

li tinkludi għajxien f'abitazzjoni mingħajr banju u tojlit jew f'abitazzjoni li hija mudlama wisq, li għandha taħsir fil-ħitan jew fit-twieqi, jew li għandha saqaf li jqattar[39].

## L-OPINJONI 2 TAL-FRA

Il-leġiżlatur tal-UE u l-Istati Membri għandhom jistinkaw biex jiżguraw livelli komparabbli, konsistenti u għoljin ta' protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, l-oriġini tar-razza jew l-etniċità, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali f'oqsma differenti tal-ħajja. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri jistgħu jispiraw ruħhom minn strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li għandhom l-għan li jiksbu Unjoni ta' ugwaljanza. Dawn jinkludu l-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu 2020–2025; il-qafas strateġiku tal-UE dwar ir-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni 2020–2030; l-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ [leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru, intersesswali u queer] 2020-2025; l-istrateġija għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2021–2030; il-Pjan ta' azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021–2027; u l-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020–2025.

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikomplu jesploraw l-għażliet kollha possibbli biex jiżblokkaw in-negozjati dwar id-Direttiva proposta dwar it-Trattament Ugwali. L-adozzjoni tad-direttiva mingħajr aktar dewmien tneħħi l-ġerarkija artifiċjali tar-raġunijiet li stabbiliet ruħha fl-Unjoni, filwaqt li tiżgura li l-UE u l-Istati Membri tagħha jipprovdu protezzjoni komprensiva u konsistenti kontra d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali f'oqsma ewlenin tal-ħajja li attwalment mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE.

Il-leġiżlatur tal-UE għandu jikkunsidra t-twessigħ tal-kunċett tad-diskriminazzjoni biex jinkludi d-diskriminazzjoni intersezzjonali fil-leġiżlazzjoni eżistenti u ġdida fil-qasam tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni. Dan jippermetti lill-UE u lill-Istati Membri jsaħħu l-protezzjoni legali kontra d-diskriminazzjoni intersezzjonali, b'mod partikolari għan-nisa li jiffaċċjaw diskriminazzjoni bbażata fuq it-taħlita ta' raġunijiet differenti ta' diskriminazzjoni.

39 FRA (2018), ***Li Tkun Iswed fl-UE***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

## IR-RIKONOXXIMENT TA' MEZZI ĠODDA POTENZJALI TA' DISKRIMINAZZJONI

Dawn l-aħħar ftit snin raw żieda esponenzjali fl-użu ta' algoritmi u intelliġenza artifiċjali (IA) għat-teħid ta' deċiżjonijiet f'varjetà ta' oqsma tas-soċjetà. L-FRA, fost atturi oħra, uriet li l-użu tal-algoritmi u l-IA jista' jkollu impatt kbir fuq il-prinċipju tat-trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni. Dan ġie enfasizzat ukoll mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli tal-UE dwar l-IA.

Madankollu, l-għarfien tal-potenzjal ta' diskriminazzjoni meta jintużaw l-algoritmi u l-IA jvarja b'mod konsiderevoli fost l-utenti, billi ħafna minnhom ma jkunux konxji ta' kif sistemi bħal dawn jistgħu jwasslu għal diskriminazzjoni, b'mod partikolari diskriminazzjoni indiretta, jew saħansitra jirrinforzawha. Tali diskriminazzjoni sseħħ meta regola apparentement newtrali tiżvantaġġa persuna jew grupp b'karatteristiċi komuni meta mqabbla ma' persuni oħra, kif ġie nnutat fid-direttivi dwar l-ugwaljanza razzjali u fl-impjieg. L-evidenza tal-FRA — ibbażata fuq ir-riċerka ppubblikata tal-aġenzija dwar l-IA — turi li l-iżviluppaturi u l-utenti tas-settur pubbliku u privat tal-IA, spiss ma jivvalutawx fid-dettall, jekk xejn, jekk is-sistemi awtomatizzati li joperaw humiex diskriminatorji jew le.

Filwaqt li jirrikonoxxu l-isfida importanti tal-użu tal-IA b'mod nondiskriminatorju u biex tiżdied, mhux titnaqqas, l-ugwaljanza, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-UE u l-Istati Membri huma attivi b'modi varji fir-rigward tat-tfassil tal-politika u l-abbozzar ta' leġiżlazzjoni dwar l-IA, li għandha tindirizza wkoll il-ħtieġa għan-nondiskriminazzjoni. Fil-*White Paper dwar l-intelliġenza artifiċjali — Approċċ Ewropew għall-eċċellenza u l-fiduċja*[40] tagħha, li tiddeskrivi l-pjanijiet għal proposta leġiżlattiva possibbli, il-Kummissjoni Ewropea enfasizzat li l-IA tinvolvi diversi riskji, inkluża d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' raġunijiet protetti differenti. Dan ġie enfasizzat ukoll fil-**Pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu 2020–2025**.

Dawn l-inizjattivi u t-tħassib jenfasizzaw ir-riskju ta' diskriminazzjoni meta tintuża l-IA f'diversi oqsma tal-ħajja u l-ħtieġa għal aktar regolamentazzjoni. L-adozzjoni wiesgħa potenzjali tal-IA tista' twassal għal diskriminazzjoni fl-oqsma tal-ħajja u għal raġunijiet li jmorru lil hinn minn dawk koperti fil-liġi sekondarja eżistenti tal-UE dwar l-antidiskriminazzjoni.

### L-OPINJONI 3 TAL-FRA

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jivvalutaw fid-dettall l-impatt taż-żieda fid-dipendenza fuq l-algoritmi u l-IA fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar it-trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni u jintroduċu salvagwardji rilevanti tad-drittijiet fundamentali biex jillimitaw dan l-impatt. Dan jikkontribwixxi biex jittaffew ir-riskji relatati ma' preġudizzji diskriminatorji potenzjali li jinbnew fl-algoritmi u l-IA użati fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

F'dan ir-rigward, l-UE għandha tikkunsidra wkoll il-finanzjament ta' riċerka mmirata dwar id-diskriminazzjoni permezz tal-IA u l-algoritmi.

40 Il-Kummissjoni Ewropea (2020), **White Paper dwar l-intelliġenza artifiċjali: approċċ Ewropew għall-eċċellenza u l-fiduċja**.

## IN-NUQQAS TA' RAPPURTAR TA' DISKRIMINAZZJONI U N-NUQQAS TA' GĦARFIEN DWAR ID-DRITTIJIET

Id-*data* tal-istħarriġ tal-FRA turi li l-vittmi ta' diskriminazzjoni għandhom it-tendenza li ma jirrappurtawx inċidenti li jesperjenzaw lil xi awtorità jew korp għal għadd ta' raġunijiet, inkluż li ma jkunux jafu fejn għandhom jirrikorru. Dan huwa l-każ minkejja l-eżistenza ta' korpi tal-ugwaljanza fl-Istati Membri kollha, kif meħtieġ skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, li tistipula wkoll li tali korpi għandhom jipprovdu "assistenza indipendenti lill-vittmi tad-diskriminazzjoni fis-segwiment ta' l-ilmenti tagħhom rigward id-diskriminazzjoni"[41].

Is-sejbiet mill-istħarriġ tal-FRA juru livelli sinifikanti ta' nuqqas ta' rappurtar ta' diskriminazzjoni b'mod ġenerali, b'korpi tal-ugwaljanza madwar l-UE li jirċievu inqas rapporti ta' diskriminazzjoni minn postijiet oħra fejn jistgħu jsiru l-ilmenti. Dan jindika li l-proċessi u s-sistemi eżistenti għar-rappurtar ta' esperjenzi ta' diskriminazzjoni huma ta' spiss ineffettivi u mhux dejjem jgħinu lill-vittmi ta' diskriminazzjoni biex ifittxu rimedju u aċċess għall-ġustizzja.

B'mod speċifiku:

- is-sejbiet mill-istħarriġ kollu tal-FRA juru rati baxxi ta' rappurtar ta' inċidenti diskriminatorji fost il-gruppi kollha tal-popolazzjoni mistħarrġa[42];
- ir-rati baxxi ta' rappurtar huma konsistenti matul iż-żmien, fost il-pajjiżi u fost il-gruppi differenti tal-popolazzjoni koperti fl-istħarriġ tal-FRA — ir-rati medji ta' rappurtar għall-gruppi differenti tal-popolazzjoni huma:
  - ★ 12 % (2016 UE-MIDIS II)
  - ★ 23 % (2018 it-tieni stħarriġ dwar l-antisemitiżmu)
  - ★ 11 % (2019 UE LGBTI [Leżbjani, Gay, Bisesswali, Transġeneru u Intersesswali] Stħarriġ II)
  - ★ 10 % (Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2019)
  - ★ 21 % (Stħarriġ dwar ir-Rom u l-Vjaġġaturi tal-2019);
- b'riżultat ta' dan, l-inċidenti ta' diskriminazzjoni jibqgħu fil-biċċa l-kbira inviżibbli għall-istituzzjonijiet li għandhom obbligu legali li jassistu lill-vittmi ta' diskriminazzjoni, inklużi l-korpi tal-ugwaljanza;
- id-*data* mill-UE-MIDIS II fl-2016 turi li l-biċċa l-kbira tal-ilmenti tressqu lil impjegatur (36 %), b'madwar 13 % tal-inċidenti rrappurtati lit-trejdjunjins u lill-kumitati tal-persunal, u 17 % oħra rrappurtati lill-pulizija meta kienu relatati mad-dħul fi klabbs ta' billejl jew bars[43].
- 4 % biss tar-rapporti kollha ta' diskriminazzjoni saru lil korp tal-ugwaljanza, ċifra baxxa li hija inkwetanti;
- għalkemm ir-rati ta' rappurtar ġenerali tad-diskriminazzjoni huma baxxi, il-varjazzjonijiet huma evidenti fost l-Istati Membri u l-gruppi mistħarrġa — il-vittmi ta' diskriminazzjoni bi sfond ta' minoranza etnika u ta' immigrazzjoni (inklużi r-Rom u l-Vjaġġaturi) li jgħixu fil-Finlandja, fin-Netherlands, fl-Irlanda, fl-Iżvezja u fid-Danimarka (il-pajjiżi elenkati f'ordni numerika) għandhom it-tendenza li jirrappurtaw inċidenti diskriminatorji aktar ta' spiss minn dawk li wieġbu f'pajjiżi oħra[44].

---

41 Għal aktar informazzjoni dwar meta l-korpi tal-ugwaljanza ġew stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE, ara d-"**Direttorju Ewropew tal-korpi tal-ugwaljanza**" miżmum mill-Equinet.

42 FRA (2017), ***It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni — Riżultati ewlenin***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet; FRA (2018), ***L-esperjenzi u l-perċezzjonijiet tal-antisemitiżmu — It-tieni stħarriġ dwar id-diskriminazzjoni u r-reati ta' mibegħda kontra l-Lhud fl-UE***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet; FRA (2020), ***Ir-Rom u l-Vjaġġaturi f'sitt pajjiżi — Stħarriġ dwar ir-Rom u l-Vjaġġaturi***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet; FRA (2020) , ***UE-LGBTI II — Triq twila lejn l-ugwaljanza tal-LGBTI***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet; FRA (2019), ***Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali***.

43 FRA (2017), ***It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni — Riżultati ewlenin***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 22.

44 FRA (2017) ***It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni — Riżultati ewlenin***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 43; FRA (2020), ***Ir-Rom u l-vjaġġaturi f'sitt pajjiżi — Stħarriġ dwar ir-Rom u l-vjaġġaturi***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 31.

Għadd baxx jew għoli ta' inċidenti rrappurtati ta' diskriminazzjoni fl-Istati Membri mhux neċessarjament jirrifletti l-prevalenza jew in-natura tad-diskriminazzjoni f'dawn l-Istati Membri. Minflok, l-għadd ta' inċidenti rrappurtati jista' jaġixxi bħala indikatur tar-rieda tan-nies li jirrappurtaw id-diskriminazzjoni, li hija affettwata mil-livelli ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet u mil-livelli ta' għarfien dwar il-liġi tal-ugwaljanza, id-drittijiet tal-ugwaljanza u l-korpi tal-ugwaljanza.

Għadd kbir ta' każijiet irrappurtati ta' diskriminazzjoni xi drabi jista' jindika li s-sistemi ta' rappurtar qed jiffunzjonaw, filwaqt li numri baxxi potenzjalment jindikaw il-kuntrarju. Barra minn hekk, il-varjazzjonijiet sena wara l-oħra fir-rati ta' rappurtar mhux neċessarjament jindikaw varjazzjonijiet fil-prevalenza tad-diskriminazzjoni. Minflok, dawn jistgħu jirriflettu bidliet fis-sistemi ta' rappurtar, rieda u abilità akbar fost il-vittmi u x-xhieda li jirrappurtaw l-inċidenti, jew kapaċità mtejba tal-korpi kompetenti biex jittrattaw inċidenti bħal dawn kif xieraq.

Id-*data* tal-istħarriġ tal-FRA turi li r-raġunijiet ewlenin għan-nuqqas ta' rappurtar jinkludu dan li ġej.

- Fl-istħarriġ kollu tal-FRA, ir-raġuni ewlenija mogħtija għan-nuqqas ta' rappurtar ta' inċident diskriminatorju hija t-twemmin li xejn mhu se jiġri jew jinbidel b'riżultat tar-rappurtar. Din ir-raġuni speċifika ssemmiet minn:
  - ★ 52 % ta' dawk li wieġbu fit-tieni stħarriġ dwar l-antisemitiżmu li ma rrappurtawx l-aħħar inċident diskriminatorju[45];
  - ★ 41 % tal-vittmi tad-diskriminazzjoni fl-Istħarriġ tal-UE dwar l-LGBTI II[46];
  - ★ 35 % tal-vittmi ta' diskriminazzjoni b'minoranza etnika jew bi sfond ta' immigrazzjoni fl-UE-MIDIS II[47];
  - ★ aktar minn 36 % ta' dawk li wieġbu mill-popolazzjoni ġenerali fl-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali li ma rrappurtawx l-aħħar inċident ta' diskriminazzjoni li esperjenzaw[48].
- Raġunijiet oħra li ssemmew ta' spiss għan-nuqqas ta' rappurtar jinkludu t-twemmin li mhuwiex faċli li tintwera prova tad-diskriminazzjoni u li l-inċident jista' jkun ta' ftit importanza jew mhux ta' min jirrappurtah.

Kif muri mis-sejbiet mill-Istħarriġ II tal-UE dwar l-LGBTI tal-FRA, ir-raġunijiet addizzjonali mogħtija għan-nuqqas ta' rappurtar ta' inċidenti jinkludu:

- ★ li d-diskriminazzjoni ma jistħoqqilhiex tiġi rrappurtata, għaliex tiġri l-ħin kollu (33 %);
- ★ li persuna ma tkunx trid tiżvela l-fatt li hija tidentifika bħala LGBTI (21 %);
- ★ in-nuqqas ta' fiduċja fl-awtoritajiet (21 %);
- ★ tħassib dwar jekk l-inċident hux se jittieħed bis-serjetà (23 %);
- ★ nuqqas ta' għarfien dwar kif u fejn għandu jsir ir-rapport (15 %);
- ★ li persuna tħossha mweġġgħa, trawmatizzata u stressjata wisq biex tittratta r-rappurtar b'mod attiv (13 %)[49].

- Dawn is-sejbiet jindikaw gradi differenti ta' effettività tal-liġijiet, il-politiki u l-korpi eżistenti li għandhom l-għan li jiġġieldu d-diskriminazzjoni u jiżguraw l-ugwaljanza għal kulħadd fl-Istati Membri. Dawn jissuġġerixxu wkoll livelli differenti ta' għarfien dwar id-drittijiet fost il-gruppi differenti mistħarrġa fil-pajjiżi differenti. Tabilħaqq, id-*data* tal-istħarriġ tal-FRA turi li, b'kuntrast mas-sejbiet għall-popolazzjoni ġenerali, il-korpi tal-ugwaljanza għadhom fil-biċċa l-kbira mhux magħrufa fost il-gruppi tal-popolazzjoni f'riskju ta' diskriminazzjoni, bħal minoranzi etniċi jew immigranti. Barra minn hekk,

45 FRA (2018), ***L-Esperjenzi u l-perċezzjonijiet tal-antisemitiżmu — It-tieni stħarriġ dwar id-diskriminazzjoni u r-reati ta' mibegħda kontra l-Lhud fl-UE***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 59.

46 FRA (2020), ***UE-LGBTI II — Triq twila lejn l-ugwaljanza tal-LGBTI***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 37.

47 FRA (2017), ***It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni — Riżultati ewlenin***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 49.

48 FRA (2020), ***Xi jfissru d-drittijiet fundamentali għan-nies fl-UE? Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali 2019***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

49 FRA (2020), ***UE-LGBTI II — Triq twila lejn l-ugwaljanza tal-LGBTI***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 37.

l-għarfien dwar il-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u l-mekkaniżmi possibbli ta' rimedju, inklużi l-korpi tal-ugwaljanza, ivarjaw ħafna bejn il-pajjiżi u l-gruppi mistħarrġa.

- Bħala medja, il-livell ta' għarfien dwar id-diskriminazzjoni illegali fost ir-rispondenti fl-UE-MIDIS II huwa relattivament għoli (67 %)[50].
- B'kuntrast ma' dan, il-livell ta' għarfien tar-rispondenti tal-UE-MIDIS II dwar kwalunkwe organizzazzjoni li toffri appoġġ jew pariri lill-vittmi tad-diskriminazzjoni, inklużi l-korpi tal-ugwaljanza, huwa baxx ħafna: 71 % mhumiex konxji ta' organizzazzjoni bħal din, filwaqt li 62 % ma jirrikonoxxu l-isem ta' ebda korp tal-ugwaljanza f'pajjiżhom[51].
- L-għarfien dwar il-korpi tal-ugwaljanza fost il-popolazzjoni ġenerali huwa relattivament għoli, meta mqabbel mal-minoranzi etniċi jew l-immigranti u d-dixxendenti tagħhom. Bħala medja, fis-27 Stat Membru tal-UE (UE-27), tliet persuni minn kull ħamsa (61 %) li wieġbu fl-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali huma konxji ta' mill-inqas korp wieħed tal-ugwaljanza f'pajjiżhom — li jinkludi l-għarfien tal-korpi tal-ugwaljanza li jkopru l-oriġini razzjali u etnika u l-ġeneru bħala raġunijiet għad-diskriminazzjoni. Aktar minn nofs (52 %) ir-rispondenti kollha li wieġbu huma konxji ta' korp tal-ugwaljanza li jkopri l-oriġini tar-razza jew l-etniċità bħala raġuni ta' diskriminazzjoni fil-mandat tagħhom[52].
- Madankollu, dan il-proporzjon huwa aktar baxx fost dawk li mhumiex ċittadini tal-pajjiż tal-istħarriġ (34 %) milli fost dawk li huma ċittadini (53 %). Bl-istess mod, 45 % ta' dawk li wieġbu fl-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali li jqisu lilhom infushom parti minn minoranza etnika huma konxji ta' korp ta' ugwaljanza li jkopri l-oriġini tar-razza jew l-etniċità bħala raġuni ta' diskriminazzjoni, meta mqabbla ma' 53 % ta' dawk li ma jqisux lilhom infushom li jagħmlu parti minn minoranza etnika.[53]
- Id-*data* mill-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali tkompli turi li, fl-EU-27, l-għarfien tal-popolazzjoni ġenerali dwar korp ta' ugwaljanza jvarja ftit skont id-diżabilità. Aktar minn nofs (55 %) ir-rispondenti li huma limitati ħafna fl-attivitajiet tagħhom ta' kuljum jindikaw li huma konxji ta' korp għall-ugwaljanza, segwiti minn 57 % tar-rispondenti li huma limitati iżda mhux severament u 63 % ta' dawk li wieġbu li mhumiex limitati.
- B'mod ġenerali u fost l-istħarriġiet differenti tal-FRA, l-għarfien tar-rispondenti dwar korp tal-ugwaljanza jvarja skont il-livell ta' edukazzjoni tagħhom — dawk li jwieġbu b'livelli edukattivi aktar baxxi għandhom it-tendenza li jkunu inqas konxji ta' istituzzjonijiet bħal dawn.
- Anki jekk l-għarfien ta' korpi speċifiċi tal-ugwaljanza jkun ogħla (pereżempju fil-każ tal-popolazzjoni ġenerali u l-persuni LGBTI)[54], dan il-fatt ma jikkorrelatax ma' rata ta' rappurtar sostanzjalment ogħla.
- Id-*data* tal-FRA dwar il-korpi tal-ugwaljanza turi li l-korpi fiċ-Ċekja, fid-Danimarka, fl-Irlanda, fil-Latvja, fil-Polonja u fl-Iżvezja tinsab fl-ogħla livell f'termini ta' persunal u daqs tal-baġit meta mqabbla mal-popolazzjonijiet tal-pajjiżi, u 50 % jew aktar ta' dawk li wieġbu fl-UE-MIDIS II tal-FRA jgħidu li huma konxji tal-korpi tal-ugwaljanza f'dawn il-pajjiżi (b'livell ftit aktar baxx ta' għarfien fl-Irlanda u fl-Iżvezja ta' madwar 40 %).
- B'paragun, id-*data* tal-FRA turi li l-korpi tal-ugwaljanza fl-Awstrija, fil-Bulgarija, fil-Ġermanja, fil-Greċja, fl-Ungerija, fl-Italja, fil-Lussemburgu, f'Malta, fin-Netherlands, fir-Rumanija, fis-Slovenja u fi Spanja jinsabu f'livelli aktar baxxi f'termini ta' persunal u daqs tal-baġit meta mqabbla mal-popolazzjonijiet tal-pajjiżi, bi 30 % jew inqas ta' dawk li wieġbu fl-UE-MIDIS II tal-FRA li huma konxji tal-korpi tal-ugwaljanza f'dawn il-pajjiżi.

---

50 FRA (2017), ***It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni – Riżultati ewlenin***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 55.

51 *Ibid.*, pp. 51–53.

52 FRA (2020), ***Xi jfissru d-drittijiet fundamentali għan-nies fl-UE? Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali***), il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

53 *Ibid.*

54 FRA (2020), ***Xi jfissru d-drittijiet fundamentali għan-nies fl-UE? Stħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet; FRA (2020), ***UE-LGBTI II — Triq twila lejn l-ugwaljanza tal-LGBTI***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet pp. 35–37.

Livelli baxxi ta' għarfien tal-korpi tal-ugwaljanza jimminaw ir-rwol importanti li għandu jkollhom fl-għoti ta' assistenza lill-vittmi tad-diskriminazzjoni. L-evidenza disponibbli tikkonferma rabta bejn ir-riżorsi allokati lill-korpi tal-ugwaljanza (persunal u baġit) u l-għarfien dwar dawn il-korpi fost il-popolazzjoni. Dan jindika li l-korpi tal-ugwaljanza li huma legalment u finanzjarjament aktar b'saħħithom x'aktarx li jkollhom rwol aktar effettiv fiż-żieda tal-livell ta' għarfien dwar id-drittijiet kemm tal-vittmi potenzjali tad-diskriminazzjoni kif ukoll tax-xhieda ta' inċidenti bħal dawn. Dan ikun jinkludi l-kapaċità tagħhom li jimplimentaw miżuri mmirati sabiex jilħqu lil persuni jew gruppi li huma l-aktar f'riskju ta' diskriminazzjoni.

Madankollu, ta' min jinnota li livelli ogħla ta' għarfien dwar il-korpi tal-ugwaljanza mhux neċessarjament jikkorrelataw dejjem mal-livelli ogħla ta' rappurtar lil dawn il-korpi. Dan huwa l-każ anke għal xi wħud mill-korpi li jsibu ruħhom f'livell ogħla fir-rigward tal-proporzjon tar-riżorsi umani u finanzjarji tagħhom mad-daqs tal-popolazzjoni tal-pajjiż fejn huma stabbiliti.

L-UE u l-Istati Membri tagħha bdew sforzi konkreti biex jinkoraġġixxu r-rappurtar lill-korpi u lill-awtoritajiet rilevanti fil-qasam tar-reati ta' mibegħda, li huwa wieħed mill-aktar forom severi ta' diskriminazzjoni[55]. F'Marzu 2021, il-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza approva sett ta' prinċipji gwida ewlenin biex iħeġġu lill-vittmi jirrappurtaw reati ta' mibegħda lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi[56]. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-reġistrazzjoni ta' reati ta' mibegħda, il-ġbir tad-*data* u l-inkoraġġiment tar-rappurtar żviluppa dawn il-prinċipji, permezz ta' attivitajiet iffaċilitati mill-FRA.

Xi aspetti tal-prinċipji gwida ewlenin dwar l-inkoraġġiment tar-rappurtar ta' reati ta' mibegħda huma rilevanti fil-kuntest tal-inkoraġġiment tar-rappurtar tad-diskriminazzjoni lill-korpi tal-ugwaljanza. Dan huwa l-każ minkejja l-fatt li l-mandati ta' ftit korpi tal-ugwaljanza jkopru b'mod espliċitu r-reati ta' mibegħda, li normalment jiġu indirizzati skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali.

Il-prinċipji 5, 6, 8 u 9 huma ta' interess partikolari fil-kuntest tal-inkoraġġiment tar-rappurtar lill-korpi tal-ugwaljanza. Dawn il-prinċipji huma relatati b'mod ġenerali ma':

- l-istabbiliment ta' kooperazzjoni strutturali u formalizzata bejn il-korpi tal-ugwaljanza, il-pulizija u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi sistemi effettivi għall-konsultazzjonijiet;
- l-istabbiliment ta' kanali aċċessibbli ta' rappurtar għall-vittmi u x-xhieda, bħal rappurtar minn partijiet terzi;
- l-għoti ta' sensibilizzazzjoni mfassla apposta lil individwi f'riskju ta' vittimizzazzjoni mmotivata mill-preġudizzju.

Il-vittmi tal-kriminalità mmotivata mill-preġudizzju u l-fastidju jistgħu jikkuntattjaw il-korpi tal-ugwaljanza fir-rigward ta' inċidenti li ma jilħqux il-livell limitu biex jiġu kklassifikati bħala reat kriminali. Protokolli ta' riferiment formalizzati u effettivi bejn l-awtoritajiet rilevanti, skont il-kompetenza tagħhom għal każ partikolari, jikkostitwixxu pass importanti għall-vittmi ta' diskriminazzjoni lejn it-tfittxija ta' appoġġ, protezzjoni u rimedju. Kooperazzjoni interistituzzjonali bħal din tinkludi l-għarfien dwar id-drittijiet u l-ingranaġġ tal-għarfien tal-korpi tal-ugwaljanza fost il-popolazzjoni ġenerali u dawk l-aktar f'riskju ta' diskriminazzjoni.

55 FRA (2012), ***Nagħmlu r-reati ta' mibegħda viżibbli fl-Unjoni Ewropea: Nirrikonoxxu d-drittijiet tal-vittmi***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

56 Il-Kummissjoni Ewropea, il-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-reġistrazzjoni ta' reati ta' mibegħda, il-ġbir tad-*data* u l-inkoraġġiment tar-rappurtar (2021), ***Prinċipji gwida ewlenin dwar l-inkoraġġiment tar-rappurtar ta' reati ta' mibegħda — Ir-rwol tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet rilevanti***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

## L-OPINJONI 4 TAL-FRA

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw l-iżvilupp ta' prinċipji gwida speċifiċi dwar l-inkoraġġiment tar-rappurtar tad-diskriminazzjoni lill-korpi tal-ugwaljanza taħt l-attivitajiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità, u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Equinet, il-korpi tal-ugwaljanza u l-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili.

Fir-rigward tat-tħeġġiġ tar-rappurtar, l-UE u l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jittrasferixxu t-tagħlimiet meħuda minn attivitajiet iffaċilitati mill-FRA dwar l-inkoraġġiment tar-rappurtar ta' reati ta' mibegħda skont il-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza għall-kuntest tal-inkoraġġiment tar-rappurtar dwar id-diskriminazzjoni lill-korpi tal-ugwaljanza. Il-prinċipji gwida ewlenin dwar l-inkoraġġiment tar-rappurtar ta' reati ta' mibegħda, kif approvati mill-Grupp ta' Livell Għoli, jistgħu jiġu adattati għall-kuntest tar-rappurtar tad-diskriminazzjoni lill-korpi tal-ugwaljanza, b'mod partikolari fir-rigward ta':

- l-istabbiliment ta' sistemi effettivi għal konsultazzjonijiet bejn il-korpi tal-ugwaljanza, il-pulizija u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
- il-provvista ta' kanali ta' rappurtar aċċessibbli, inkluż rappurtar minn partijiet terzi;
- il-provvista ta' sensibilizzazzjoni mfassla apposta għal persuni f'riskju ta' diskriminazzjoni.

L-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkollhom il-mezzi meħtieġa biex joħolqu għarfien dwar l-eżistenza u l-mandat tagħhom, b'mod partikolari fost il-gruppi tal-popolazzjoni f'riskju ta' diskriminazzjoni kif ukoll fost il-popolazzjoni ġenerali.

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom irawmu riċerka indipendenti ma' gruppi fil-popolazzjoni l-aktar milquta mid-diskriminazzjoni biex jesploraw id-diversi fatturi li jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjoni tan-nies dwar jekk jirrappurtawx lill-korpi tal-ugwaljanza jew le.

L-Istati Membri tal-UE għandhom isaħħu l-isforzi biex jikber l-għarfien dwar il-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u l-mekkaniżmi ta' rimedju rilevanti, b'mod partikolari fost il-gruppi kollha tal-popolazzjoni f'riskju ta' diskriminazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg.

L-Istati Membri tal-UE għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jużaw għodod, bħal dmirijiet ta' ugwaljanza fis-settur pubbliku u valutazzjonijiet tal-impatt dwar l-ugwaljanza, biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

## ŻVILUPPI FIR-RWOL TAL-KORPI TAL-UGWALJANZA

L-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni eżistenti teħtieġ strutturi u mekkaniżmi xierqa biex jittejjeb ir-rispett tal-liġi, kif ukoll fiduċja fil-korpi involuti fil-promozzjoni tal-ugwaljanza. F'dan ir-rigward, huwa kruċjali li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu effettivi.

L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali jistipula li "L-Istati Membri għandhom jinnominaw korp jew korpi għall-promozzjoni tat-trattament ugwali tal-persuni kollha mingħajr diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' l-oriġini tar-razza jew l-etniċità. Dawn il-korpi jistgħu jagħmlu parti minn aġenziji mogħtija r-responsabbiltà fuq livell nazzjonali mid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardjar tad-drittijiet ta' l-individwi."

Skont it-termini tad-direttiva, il-kompetenzi ta' dawn il-korpi tal-ugwaljanza għandhom jinkludu l-għoti ta' assistenza indipendenti lill-vittmi ta' diskriminazzjoni fis-segwitu tal-ilmenti tagħhom dwar id-diskriminazzjoni; it-twettiq ta' stħarriġ indipendenti dwar id-diskriminazzjoni; u l-pubblikazzjoni ta' rapporti indipendenti u t-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet dwar kwalunkwe kwistjoni relatata ma' tali diskriminazzjoni. Id-Direttiva tħalli lill-Istati Membri marġni wiesa' biex iwaqqfu korpi tal-ugwaljanza skont it-tradizzjonijiet u l-arranġamenti istituzzjonali tagħhom stess.

Fl-2018, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat rakkomandazzjoni dwar l-istandards għall-korpi tal-ugwaljanza li tidentifika tliet oqsma li fihom l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw miżuri li jippermettu lill-korpi tal-ugwaljanza jippromwovu bis-sħiħ it-trattament ugwali u jwettqu b'mod effettiv il-kompiti assenjati lilhom skont id-dritt tal-Unjoni. Dawn jirrigwardaw il-mandat; l-indipendenza u l-effettività tagħhom; u kif jikkooperaw u jikkoordinaw ma' xulxin, mal-awtoritajiet pubbliċi u ma' organizzazzjonijiet oħra.

Kif tinnota l-Kummissjoni Ewropea[57], ir-rwol u l-istatus tal-korpi tal-ugwaljanza għadhom ivarjaw b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri, b'livell għoli ta' diversità fl-istruttura tagħhom, ir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni u l-oqsma tal-ħajja koperti mill-mandati tagħhom, il-funzjonijiet tagħhom, l-indipendenza tagħhom, u r-riżorsi umani, finanzjarji u tekniċi disponibbli għalihom. Dan in-nuqqas ta' uniformità bejn il-korpi tal-ugwaljanza fl-Istati Membri kollha jwassal għal lakuni fil-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni fl-UE. Din l-evidenza ta' diversità kontinwa fil-korpi tal-ugwaljanza — minkejja r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-istandards għall-korpi tal-ugwaljanza, li kellha l-għan li tindirizza xi wħud minn dawk il-lakuni, li ġiet adottata fl-2018 — tikkonferma li hemm lok biex jiġu armonizzati r-rwol u l-pożizzjoni tal-korpi tal-ugwaljanza fl-UE, u biex jissaħħu l-mandati tagħhom.

Il-Kummissjoni Ewropea ħabbret ukoll fil-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu 2020–2025 li se tesplora l-possibilità li tipproponi leġiżlazzjoni ġdida biex issaħħaħ il-korpi tal-ugwaljanza sal-2022.

L-Equinet żviluppa żewġ settijiet ta' indikaturi li jistgħu jgħinu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha fl-isforzi tagħhom biex isaħħu l-korpi tal-ugwaljanza.

Is-sett ta' indikaturi dwar il-mandati jiffoka fuq ir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni u l-oqsma tal-ħajja koperti mill-korpi tal-ugwaljanza, in-natura u l-firxa tal-kompetenzi tagħhom fir-rigward tal-għoti ta' assistenza indipendenti lill-vittmi ta' diskriminazzjoni, is-setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom, il-kapaċità tagħhom li jwettqu stħarriġ u riċerka, u l-funzjoni konsultattiva tagħhom.

Is-sett ta' indikaturi dwar l-indipendenza jiffoka fuq l-oqfsa legali li jistabbilixxu korpi tal-ugwaljanza, il-kapaċità tagħhom li jwettqu l-funzjonijiet tagħhom mingħajr interferenza, il-baġit u r-riżorsi allokati lill-korpi tal-ugwaljanza, u l-ħatra u r-responsabilità tat-tmexxija tal-korpi tal-ugwaljanza.

Ir-rwol importanti tal-korpi tal-ugwaljanza fid-dħul fis-seħħ tal-prinċipju ta' trattament ugwali huwa muri wkoll fir-rwoli assenjati lill-korpi tal-ugwaljanza f'diversi inizjattivi tal-UE:

---

57 Il-Kummissjoni Ewropea (2021), ***Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni — Korpi tal-ugwaljanza u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza***, SWD(2021) 63 final, Brussell, id-19 ta' Marzu 2021.

il-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu 2020-2025[58]; l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi;[59] ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni[60]; il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-fondi tal-UE għall-perjodu 2021-2027 (Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni)[61]; u l-proposta għal miżuri vinkolanti ta' trasparenza fil-pagi[62]. Kull wieħed minn dawn jassenja rwoli attivi lill-korpi tal-ugwaljanza li jitolbu li dawn il-korpi jallokaw riżorsi sabiex ikunu jistgħu jwettqu dawn il-kompiti b'mod effettiv u indipendenti.

B'mod aktar speċifiku, ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-korpi tal-ugwaljanza fil-kumitati ta' monitoraġġ tal-programmi ffinanzjati mill-UE. Dawn il-kumitati se jkunu responsabbli biex jeżaminaw jekk il-programmi ffinanzjati mill-UE jikkonformawx mal-kundizzjonijiet abilitanti li huma meħtieġa għall-aċċess u l-użu tal-fondi tal-UE matul il-perjodu ta' programmazzjoni.

## L-OPINJONI 5 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv, kif assenjati mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, u fir-rigward tar-rwoli previsti għalihom fil-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu; l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi; ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom; il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-fondi tal-UE għall-perjodu 2021-2027; u l-proposta għal miżuri vinkolanti ta' trasparenza fil-pagi.

Dan jinvolvi li jiġi żgurat li l-korpi tal-ugwaljanza jingħataw mandati wesgħin biżżejjed u li jiġu allokati riżorsi umani, finanzjarji u tekniċi adegwati biex iwettqu l-kompiti statutorji kollha tagħhom b'mod effettiv u indipendenti. Ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea tal-2021 dwar l-applikazzjoni tad-direttivi dwar l-ugwaljanza razzjali u fl-impjieg ukoll jenfasizza din il-ħtieġa.

Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom iqisu kif meħtieġ ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (UE) 2018/951 ta' ta' Ġunju 2018 dwar standards għall-korpi għall-ugwaljanza. Dan jinkludi li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jirċievu u jittrattaw ilmenti (inklużi lmenti minn partijiet terzi) u jassistu lill-vittmi ta' diskriminazzjoni; jippubblikaw rapporti u rakkomandazzjonijiet indipendenti dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mad-diskriminazzjoni; jiġbru *data* permezz ta' stħarriġ indipendenti, li jikkontribwixxi għall-bażi ta' evidenza għall-monitoraġġ tal-livelli ta' diskriminazzjoni; u jippromwovu l-għarfien dwar l-eżistenza ta' korpi tal-ugwaljanza fost il-popolazzjonijiet li twaqqfu biex iservu.

L-Istati Membri huma mħeġġa jimplimentaw bis-sħiħ il-miżuri inklużi fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-istandards għall-korpi tal-ugwaljanza, biex jiżguraw li dawn il-korpi jkunu jistgħu jilħqu l-potenzjal kbir tagħhom u jippromwovu t-trattament ugwali fil-prattika.

58 Il-Kummissjoni Ewropea (2020), ***Unjoni ta' ugwaljanza — Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020–2025***, COM(2020) 565 final, Brussell, it-18 ta' Settembru 2020.

59 Il-Kummissjoni Ewropea (2020), ***Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (2020–2025)***, COM(2020) 258 final, Brussell, l-24 ta' Ġunju 2020.

60 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2021), ***Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom***, Brussell, it-2 ta' Marzu 2021.

61 Il-Kummissjoni Ewropea (2018), ***Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi***, COM(2018) 375 final, Brussell, id-29 ta' Mejju 2018.

62 Il-Kummissjoni Ewropea (2021), ***Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar***, COM(2021) 93 final, Brussell, l-4 ta' Marzu 2021.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea hija mħeġġa tipproponi leġiżlazzjoni ġdida sal-2022 biex issaħħaħ il-korpi tal-ugwaljanza, kif deskritt fil-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu 2020–2025. Il-protezzjoni inugwali kontra d-diskriminazzjoni madwar l-UE li tirriżulta mill-varjetà fit-twaqqif tal-korpi tal-ugwaljanza hija favur leġiżlazzjoni bħal din, b'mod partikolari meta jitqies li l-ugwaljanza hija wieħed mill-valuri fundamentali tal-Unjoni.

Meta wieħed iqis il-varjetà ta' tradizzjonijiet u sistemi legali fl-Istati Membri, it-tkomplija ta' skambju ta' prattiki hija mħeġġa biex tidentifika kif il-miżuri implimentati f'pajjiż wieħed — biex jissaħħu l-korpi tal-ugwaljanza — jistgħu jiġu ttrasferiti għal ieħor. L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-assistenza tal-Kummissjoni Ewropea, l-FRA u l-Equinet biex jiffaċilitaw tali skambji ta' prattiki.

L-Istati Membri huma mħeġġa japplikaw l-indikaturi żviluppati mill-Equinet biex ikejlu l-konformità mal-istandards għall-korpi tal-ugwaljanza u biex jadottaw miżuri biex isaħħu dawn il-korpi kif xieraq.

L-UE għandha tiżgura li l-Equinet jiġi pprovdut bir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji adegwati biex ikun jista' jiżviluppa aktar u jiżgura l-implimentazzjoni tas-settijiet ta' indikaturi tiegħu, biex jassisti lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Istati Membri u lill-korpi tal-ugwaljanza fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni prattika tar-Rakkomandazzjoni dwar l-istandards għall-korpi tal-ugwaljanza. Dan jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-korpi tal-ugwaljanza.

## IL-PROMOZZJONI TAL-ĠBIR U L-UŻU TA' *DATA* DWAR L-UGWALJANZA, INKLUŻA L-APPLIKAZZJONI KORRETTA TAR-REGOLAMENT ĠENERALI DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-*DATA*

Skont il-*Manwal Ewropew tad-data dwar l-ugwaljanza*[63], "*data* dwar l-ugwaljanza" tfisser kwalunkwe biċċa informazzjoni li hija utli għall-finijiet ta' deskrizzjoni u analiżi tal-istat tal-ugwaljanza. Tali *data* hija indispensabbli biex tinforma valutazzjoni bbażata fuq l-evidenza tal-applikazzjoni ta' politiki ta' nondiskriminazzjoni fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri, u biex tagħti s-setgħa lil gruppi tal-popolazzjoni f'riskju ta' diskriminazzjoni.

Meta tinġabar regolarment u sistematikament, tali informazzjoni hija essenzjali biex tgħin lill-Istati Membri jivvalutaw il-konformità tagħhom mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem. Dan jippermetti wkoll lil dawk li jfasslu l-politika biex jimmonitorjaw ix-xejriet fl-eżiti tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-miżuri li l-UE u l-Istati Membri tagħha jadottaw biex jippromwovu t-trattament ugwali. F'dan l-isfond, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri — fir-rapport speċjali tagħha tal-2016 ***Inizjattivi ta' politika tal-UE u appoġġ finanzjarju għall-integrazzjoni tar-Rom*** — appellat lill-Kummissjoni Ewropea biex taħdem mal-Istati Membri biex tiżviluppa metodoloġija komuni u tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jiġbru *data* statistika dwar l-etniċità[64]. Bi tweġiba, il-Kummissjoni Ewropea u l-FRA kkooperaw ma' punti ta' kuntatt nazzjonali tar-Rom fi grupp ta' ħidma li żviluppa qafas ta' indikaturi dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom u ppopolah bid-*data*. Dan ix-xogħol għadu għaddej.

Sal-lum, ftit Stati Membri joperaw sistemi komprensivi jew approċċ koordinat għall-ġbir u l-użu ta' *data* dwar l-ugwaljanza, kif innutat fil-*Linji Gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-data dwar l-ugwaljanza*, li l-Grupp ta' Livell Għoli tal-Kummissjoni Ewropea dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità approva fl-2018[65]. Sottogrupp iddedikat dwar id-*Data* dwar l-Ugwaljanza, iffaċilitat mill-FRA, żviluppa dawn il-linji gwida biex joffri gwida konkreta dwar kif jistgħu jittejbu l-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza fil-livell nazzjonali.

Xi Stati Membri bdew jimplimentaw dawn il-linji gwida, li jappartjenu għad-dimensjonijiet istituzzjonali, strutturali u operazzjonali tal-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza. **Kompendju ta' prattiki promettenti**[66] u għodda ta' mmappjar dijanjostiku jikkomplementaw il-linji gwida.

Is-Sottogrupp dwar id-*Data* dwar l-Ugwaljanza identifika għadd ta' sfidi fl-użu u fil-ġbir tad-*data* dwar l-ugwaljanza komuni għal ħafna Stati Membri, inklużi żbilanċ fir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni u oqsma tal-ħajja li għalihom tinġabar id-*data*; nuqqas ta' konsistenza u koerenza tad-definizzjonijiet, tal-klassifikazzjonijiet u tal-kategorizzazzjonijiet, li jaffettwa l-komparabilità tal-istatistika dwar l-ugwaljanza madwar l-Istati Membri u fi ħdanhom; nuqqas ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u mal-gruppi affettwati meta jitfassal u jiġi implimentat il-ġbir tad-*data*; il-ġbir intermittenti tad-data li ma jippermettix analiżi tax-xejriet matul iż-żmien; u l-interpretazzjoni mhux preċiża tal-oqfsa tal-protezzjoni tad-*data*, peress li dawn huma relatati mad-*data* dwar l-ugwaljanza.

Dan in-nuqqas ta' *data* jfisser li l-UE u l-Istati Membri ma għandhomx l-istampa sħiħa meta jkunu jridu jindirizzaw l-esperjenzi ta' miljuni ta' persuni madwar l-UE, ikkaratterizzati minn diskriminazzjoni għal raġunijiet differenti u f'oqsma differenti tal-ħajja. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' *data* rilevanti li jirriżulta jipprevjeni lill-UE u lill-Istati Membri milli jimmonitorjaw b'mod effettiv l-istat tal-ugwaljanza. Id-*data* dwar l-ugwaljanza tista' tgħin ukoll biex titjieb il-valutazzjoni tad-diskriminazzjoni u l-preġudizzju potenzjali meta l-algoritmi u l-IA jintużaw dejjem aktar fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

---

63 Il-Kummissjoni Ewropea (2016), ***Manwal Ewropew tad-data dwar l-ugwaljanza***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 15.

64 Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (2016), ***Inizjattivi ta' politika tal-UE u appoġġ finanzjarju għall-integrazzjoni tar-Rom: Sar progress sinifikanti matul l-aħħar għaxar snin, iżda sforzi addizzjonali huma meħtieġa fil-prattika***, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

65 Il-Kummissjoni Ewropea, il-Grupp ta' Livell Għoli dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità, is-Sottogrupp dwar id-*Data* dwar l-Ugwaljanza (2018), ***Linji Gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-data dwar l-ugwaljanza***, Brussell, il-Kummissjoni Ewropea.

66 FRA (2020), "**Kompendju ta' prattiki għall-ġbir tad-data dwar l-ugwaljanza**".

In-nuqqas ta' *data* robusta u miġbura sistematikament dwar l-ugwaljanza, flimkien mal-għadd żgħir ħafna ta' każijiet ta' diskriminazzjoni miġjuba għall-attenzjoni tal-awtoritajiet rilevanti, il-korpi kompetenti u l-qrati, jagħtu stampa mhux kompluta tar-realtà tad-diskriminazzjoni fl-UE. Kif innotat fil-linja gwida nru 1 dwar id-*data* dwar l-ugwaljanza, uffiċċju nazzjonali tal-istatistika, korp tal-ugwaljanza jew istitut tar-riċerka jistgħu jimmappjaw "sorsi eżistenti ta' *data* dwar l-ugwaljanza fl-Istati Membri [...] u jistabbilixxu linja bażi għal approċċ aktar sistematiku lejn il-ġbir tad-*data* dwar l-ugwaljanza"[67].

Biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati permezz ta' tali mmappjar, il-linja gwida nru 2 dwar id-data dwar l-ugwaljanza tissuġġerixxi li l-awtoritajiet rilevanti jistgħu jistabbilixxu grupp ta' ħidma interistituzzjonali li jinkludi, pereżempju, "ministeri, uffiċċji nazzjonali tal-istatistika, korpi tal-ugwaljanza, istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, istituzzjonijiet tar-riċerka u l-komunità xjentifika, kif ukoll atturi rilevanti oħra u fornituri tad-*data* bħal rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali rilevanti, il-ġudikatura, il-pulizija, eċċ"[68].

Fin-**nota ta' gwida tiegħu tal-2018 dwar il-ġbir u d-diżaggregazzjoni tad-data għall-monitoraġġ tal-progress fil-ksib tal-għanijiet tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli**, l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem jenfasizza l-prinċipju tad-drittijiet tal-bniedem li "ma ssir l-ebda ħsara"[69]. Kif rikonoxxut fil-*Linji Gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-data dwar l-ugwaljanza*, "li ma ssir l-ebda ħsara" tfisser li jenħtieġ li l-ebda attività ta' ġbir ta' *data* ma toħloq jew issaħħaħ id-diskriminazzjoni, il-preġudizzju jew l-isterjotipi eżistenti u li d-*data* miġbura jenħtieġ li tintuża għall-benefiċċju tal-gruppi li jiddeskrivu u tas-soċjetà kollha kemm hi[70].

67 Il-Kummissjoni Ewropea, Grupp ta' Livell Għoli dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità, Sottogrupp dwar id-*Data* dwar l-Ugwaljanza (2018), ***Linji Gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-data dwar l-ugwaljanza***, Brussell, il-Kummissjoni Ewropea, p. 9.

68 *Ibid.*, p. 10.

69 L-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem (2018), ***Approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għad-data — ħadd ma jitħalla lura fl-aġenda tal-2030 għall-iżvilupp sostenibbli***, New York, in-Nazzjonijiet Uniti.

70 Il-Kummissjoni Ewropea, il-Grupp ta' Livell Għoli dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità, is-Sottogrupp dwar id-*Data* dwar l-Ugwaljanza (2018), ***Linji Gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-data dwar l-ugwaljanza***, Brussell, il-Kummissjoni Ewropea p. 4.

## L-OPINJONI 6 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw il-ġbir sistematiku ta' *data* dwar l-ugwaljanza affidabbli, valida u komparabbli, diżaggregata skont is-sess, l-oriġini razzjali u etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. L-Istati Membri għandhom jiġbru din id-data permezz tal-mezzi deskritti hawn taħt, fuq il-bażi tal-awtoidentifikazzjoni ta' dawk f'riskju ta' diskriminazzjoni. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw dawn il-gruppi tal-popolazzjoni għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' definizzjonijiet u indikaturi rilevanti.

L-Istati Membri jenħtieġ li jibbażaw fuq l-akbar firxa possibbli ta' sorsi ta' *data* dwar l-ugwaljanza, inkluż, fil-livell nazzjonali, flimkien mad-*data* tal-FRA, iċ-ċensiment tal-popolazzjoni; ir-reġistri amministrattivi; stħarriġ dwar l-unitajiet domestiċi u l-individwi; stħarriġ dwar il-vittimizzazzjoni; stħarriġ dwar l-attitudni; *data* dwar l-ilmenti u riċerka mill-korpi tal-ugwaljanza; ittestjar tas-sitwazzjoni; monitoraġġ tad-diversità minn min iħaddem u mill-fornituri tas-servizz; u d-*data* ġġenerata permezz ta' strateġiji ta' riċerka kwalitattiva, bħal studji tal-każ, intervisti fil-fond u intervisti mal-esperti.

L-Istati Membri għandhom isaħħu l-ġbir regolari u komprensiv ta' *data* dwar l-ugwaljanza permezz tal-istituti nazzjonali tal-istatistika tagħhom u aġenziji governattivi rilevanti oħra. Dan jinkludi kompilazzjoni sistematika ta' statistika dwar l-ugwaljanza bbażata fuq ċensimenti tal-popolazzjoni u tal-unitajiet domestiċi, reġistri amministrattivi u stħarriġiet uffiċjali madwar l-UE kollha, bħall-Istatistika tal-Unjoni Ewropea dwar id-Dħul u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien, l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol u stħarriġiet rappreżentattivi oħra. Sabiex jippermettu l-monitoraġġ tal-eżiti tal-ugwaljanza, tali sorsi ta' *data* għandhom (i) ikopru gruppi sottorappreżentati f'riskju ta' diskriminazzjoni u (ii) jinkludu informazzjoni dwar esperjenzi ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, oriġini razzjali u etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.

Biex jiġu żviluppati strateġiji biex jiġu identifikati b'mod adegwat sitwazzjonijiet fejn raġunijiet differenti ta' diskriminazzjoni jinterċettaw jew jaġixxu flimkien – jiġifieri diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali – l-Istati Membri tal-UE għandhom jużaw sett komprensiv ta' għodod ta' ġbir ta' *data* dwar l-ugwaljanza, inkluż stħarriġ kwantitattiv fuq skala kbira li jkopri gruppi differenti tal-popolazzjoni u raġunijiet ta' diskriminazzjoni, flimkien ma ttestjar tad-diskriminazzjoni, li huwa metodu stabbilit għall-ġenerazzjoni ta' evidenza oġġettiva ta' diskriminazzjoni.

L-Istati Membri tal-UE għandhom iżidu l-isforzi lejn approċċ ikkoordinat fir-rigward tal-ġbir ta' *data* dwar l-ugwaljanza sabiex jużaw din id-*data* bħala bażi għall-iżvilupp ta' politiki bbażati fuq l-evidenza sabiex irawmu l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom iqisu b'mod xieraq il-linji gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza li ġew adottati mill-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità. L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw l-għodda tal-immappjar u l-kompendju tal-prattiki li jikkomplementaw dawn il-linji gwida. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE għandhom iqisu li japplikaw dawn il-linji gwida fl-istrutturi tagħhom stess.

F'konformità mal-Linja Gwida Nru 2 fil-Linji Gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jippermettu lill-korpi tal-ugwaljanza jrawmu l-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza. Dan jista' jinkiseb permezz tat-twaqqif ta' strutturi (eż. grupp ta' ħidma interistituzzjonali) li jippermettu kooperazzjoni sistematika u fit-tul bejn l-entitajiet rilevanti fi kwalunkwe pajjiż partikolari. L-Istati Membri li jagħtu mandat lill-korpi tal-ugwaljanza b'funzjoni ta' koordinazzjoni bħal din għandhom jiżguraw li dawn il-korpi jingħataw il-kapaċità, l-għarfien espert u r-riżorsi meħtieġa.

## IL-ĠBIR TAD-*DATA* DWAR L-UGWALJANZA SKONT IR-REGOLAMENT ĠENERALI DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-*DATA*

Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* – ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR) – daħal fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2018. Dan wassal għal riflessjonijiet dwar kif għandhom jinġabru u jiġu pproċessati legalment kategoriji speċjali ta' *data* personali (l-Artikolu 9 tal-GDPR), bħal dawk relatati mal-oriġini tar-razza jew l-etniċità, is-saħħa, ir-reliġjon jew it-twemmin, jew l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna. Pereżempju, il-*Linji Gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu ta' data dwar l-ugwaljanza* approvati mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità jinnotaw li "r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* huma [xi drabi] mifhuma bħala rekwiżiti li jipprojbixxu l-ġbir ta' *data* personali bħall-oriġini etnika, ir-reliġjon jew l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna"[71]. Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 9(2)(j) tal-GDPR, l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali huwa pprojbit, **sakemm** "l-ipproċessar ikun [ma jkunx] meħtieġ għal [...] finijiet statistika f'konformità mal-Artikolu 89(1) fuq bażi tal-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru li għandha tkun proporzjonata mal-għan segwit, tirrispetta l-essenza tad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* u tipprevedi miżuri xierqa u speċifiċi sabiex tissalvagwardja d-drittijiet fundamentali u l-interessi tas-suġġett tad-*data*".

Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jiġbru u jipproċessaw *data* dwar l-ugwaljanza fuq bażi ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali għal raġunijiet ta' interess pubbliku sostanzjali, għal finijiet ta' statistika u għal finijiet ta' riċerka xjentifika jew storika billi jiżguraw li s-suġġett tad-*data* jkun ta kunsens espliċitu għall-ipproċessar ta' dik id-*data* personali għal fini speċifikat wieħed jew aktar (l-Artikolu 9(2)(a)).

Barra minn hekk, il-premessa 26 tal-GDPR tiċċara li l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* japplikaw għal kategoriji speċjali ta' *data* personali li jikkonċernaw persuna fiżika identifikata jew identifikabbli u m'għandhomx japplikaw għal informazzjoni anonima jew għal *data* personali li ssir anonima b'tali mod li s-suġġett tad-*data* ma jkunx jew ma jibqax identifikabbli, bħal *data* użata għal skopijiet statistiċi aggregati biex jiġu identifikati u rreġistrati x-xejriet fl-ugwaljanza.

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS) ippubblika **opinjoni preliminari dwar il-protezzjoni tad-data u r-riċerka xjentifika** biex tiġi pprovduta ċertezza legali dwar il-kondizzjonijiet li taħthom l-ipproċessar ta' tali *data* huwa permess u liema salvagwardji għandhom ikunu fis-seħħ meta tinġabar. Din l-opinjoni tal-EPDS hija rilevanti għall-kolletturi u l-proċessuri tad-*data*, li jinkludu l-istituzzjonijiet tar-riċerka, l-akkademja, l-aġenziji tal-gvern fil-livelli nazzjonali u lokali, il-korpi tal-ugwaljanza, l-istituzzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, l-aġenziji u l-korpi tal-UE (inkluża l-FRA) u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

71 *Ibid.*, p. 7.

## L-OPINJONI 7 TAL-FRA

Il-GDPR jippermetti l-ġbir u l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali taħt ċerti kundizzjonijiet, inkluż għal finijiet ta' statistika jew ta' riċerka (l-Artikolu 9(2)(a), (g) u (j)).

Il-kolletturi tad-data u l-proċessuri tad-*data* fl-Istati Membri tal-UE għandhom ifittxu l-parir tal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data tagħhom u gwida ulterjuri mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPB) u L-EDPS dwar is-salvagwardji li għandhom jiġu applikati meta jinġabru u jiġu pproċessati kategoriji speċjali ta' *data* personali, inkluż għall-fini ta' riċerka xjentifika (l-Artikolu 9(2)(j) tal-GDPR). Meta jagħmlu dan, huma għandhom iqisu kif xieraq l-**Opinjoni preliminari tal-EDPS dwar il-protezzjoni tad-*data* u r-riċerka xjentifika mis-6 ta' Jannar 2020** u l-gwida li jmiss tal-EDPB dwar il-protezzjoni tad-*data* u r-riċerka xjentifika.

Il-ġbir u l-ipproċessar ta' *data* dwar l-ugwaljanza kollu għandu jsir f'konformità sħiħa mal-prinċipji u s-salvagwardji stabbiliti skont il-GDPR.

# NIPPROMWOVU U NIPPROTEĠU D-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TIEGĦEK FL-UE KOLLHA —

**Għall-opinjoni sħiħa tal-FRA 1/2021 tat-30 ta' April 2021, ara:**
**https://fra.europa.eu/en/publication/2021/fra-opinion-eu-equality-20-years**

AKTAR INFORMAZZJONI


**FRA – AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI**
Schwarzenbergplatz 11 – 1040 Vjenna – L-Awstrija
Tel. +43 15808030-0 – Fax +43 158030-699
**fra.europa.eu**

facebook.com/fundamentalrights
twitter.com/EURightsAgency
linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea